MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 760/2004

**Monica Mifsud**

**Vs**

**Yellow Pages (Malta) Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin (Lm364) rapprezentanti xoghol ta' hjata ta' uniformijiet fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha eccepiet li s-socjeta' konvenuta kienet affettwat is-somma permezz ta' cheque (HSBC numru 3913) mahrug favur l-attrici u li l-istess cheque ssarraf tant li l-kont tas-socjeta' esponenti gie debitat bl-ammont ta' tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin (Lm364). L-istess cheque juri l-firma ta' l-attrici u li minkejja s-suespost l-attrici naqset li taghti d-debita ricevuta.

Sema' x-xhieda ta' Monica Mifsud, l-Ispettur Joe Cordina, Christopher Zammit, John Muscat, James Buttigieg u Gerranzio Azzopardi.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ivan Sammut ghall-attrici u Dr Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti m'hemmx kontestazzjoni li fil-fatt l-attrici kienet ghamlet xoghol ta' hjata fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta u li ghal dan is-servizz kellha tithallas l-ammont minnha mitlub f'din il-kawza fis-somma ta' tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin (Lm364).

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta' konvenuta rrilaxxat cheque ta' dan l-ammont u li dan ic-cheque ssarraf kif jidher mid-dokument a fol 13 tal-process u mix-xhieda prodotti.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija jekk verament kienetx l-attrici li sarfet dan ic-cheque u fit-tieni lok, stante li s-socjeta' konvenuta rrilaxxat tali cheque, b'daqshekk ezonoratx l-obbligu taghha ghall-hlas.

Illi mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju ta' xejn illi fil-fatt ic-cheque ma ssarrafx mill-attrici. Mix-xhieda taghha stess kif attwalment korroborata mix-xhieda ta' Gerranzio Azzopardi w anki mix-xhieda l-ohra jirrizulta li effettivament, meta qamet il-vertenza bejn il-partijiet indahlu fil-kwistjoni l-pulizija u nstab li persuna mara mhux maghrufa marret fil-hanut tal-laham ta' Gerranzio Azzopardi f'Villambrosa Street, il-Hamrun u ghamlet xirja ta' laham li telghet ghal sittin lira Maltin (Lm60). Gerranzio Azzopardi accetta c-cheque in kwistjoni bhala hlas u ta d-differenza fi flus kontanti lil din il-mara (li ma kienetx l-attrici).

Gerranzio Azzopardi ma talabx mezz ta' ddentifikazzjoni ta' din il-persuna, izda din il-persuna ffirmat ic-cheque fuq wara ossija endorsjatu quddiemu stess. Huwa mbaghad

ipprezenta dan ic-cheque l-bank tieghu stess u ddepozitah fil-kont tieghu u sal-lum il-gurnata dan l-ammont ma giex imnaqqas mill-kont tieghu.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-attrici ma rcevietx il-flus.

Illi inoltre, fi kwistjoni ta' hlas, l-oneru tal-hlas huwa fuq min irid jaghmlu. Il-hlas irid isir fi flus lill-kreditur (Art. 1152 u 1159 tal-Kap. 16). Hlas permezz ta' cheque m'huwiex sufficjenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u galadarba s-socjeta' konvenuta deherilha illi ghandha tirrilaxxa c-cheque u tibghatu bil-posta, hija hadet ir-riskju li dan ic-cheque jigi b'xi mod ma jasalx ghand id-destinatarju proprju – kif fil-fatt gara fil-kaz odjern.

L-obbligu ta' hlas ma jigix sodisfatt billi semplicement jintbaghat cheque bil-posta.

Il-fatti juru li dan ic-cheque gie f'idejn persuna li ma kellhiex jedd ghalih. Ta' dan m'ghandhiex tbati l-konsegwenzi l-attrici izda ghandha tbati l-konsegwenzi relattivi s-socjeta' konvenuta li del resto ghandha kull dritt *si it quatenus* li tirrivolgi ruhha kontra Gerranzio Azzopardi li fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal qatt ma messu accetta li jsarraf l-imsemmi cheque minghajr ma jiehu l-prekawzjonijiet xierqa w opportuni skond il-ligi konsistentement billi jezigi prova debita dak il-hin ta' l-identita' tal-persuna li qieghda tipprezentalu c-cheque u tal-firma tal-persuna li qed tiggirah. Il-firma fuq ir-*retro* tac-cheque ma jixbah xejn il-firma ta' l-attrici. Kieku Gerranzio Azzopardi talab mezz ta' ddentifikazzjoni u prova tal-firma kien jintebah li l-firmatarja ma kienetx il-persuna idonea. Huwa nkredibbli illi Azzopardi lanqas hass il-htiega li jezigi lil min iffirma c-cheque biex jikteb in-numru tat-telephone jew in-numru tal-karta ta' l-identita' fuqu.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta b'riserva xierqa favur is-socjeta' konvenuta fil-konfront ta' l-imsemmi Azzopardi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin (Lm364) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba b'dan illi qed tigi riservata favur is-socjeta' konvenuta kull dritt ta' azzjoni li jista' jkollha fil-konfront ta' l-imsemmi Gerranzio Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------